jiġu daqqaqa taż-żaqq u tat-tanbur, idoqqu fil-ħwienet tax-xorb ta' dik il-belt. Qabel il-gwerra (1938), kont rajt flimkien żewġ daqqaqa iduru mat-toroq. Kienu libsin tar-raħal, bis-sidrija, b'terħa ma' qaddhom u ħafjin; dak taż-żaqq, li kien imdaħħal fiż-żmien, kellu berritta f'rasu. Id-daqqaqa daħlu f'bar imżejjen għall-Milied, bi dwal ta' bozoz żgħar f'mixegħla, u bdew idoqqu u jiżfnu f'nofs il-ħanut tax-xorb, u dawk li kienu ġewwa, jixorbu imtasbin fuq imwejjed tawwalin bdew iħabbtu jdejhom mar-ritmu tad-daqqaqa. Ġol-ħanut rajt ukoll xi baħrin Ingliżi tar-*Royal Navy* li bdew inewwlu xi soldi lid-daqqaqa, u dawn xeħtuhom, fil-but tas-sidrija.

Aħna t-tfal li konna ġejjin mill-quddiesa ta' nofs il-lejl, li kienet issir għalina fil-knisja ta' San Filippu, bqajna nħarsu ċċassati lejn dawk iż-żewġ karattri tal-folklor Malti u naraw dik ix-xena ta' ħajja li llum tabilħaqq għebet għal dejjem. Wara li daqqew fil-ħanut tax-xorb u niżżlu l-inbid, ħarġu ferrieħa jdoqqu barra t-triq, u dak tat-tanbur li kien żagħżugħ, rama' jaqbeż u jiżfen mar-ritmu tat-taħbbita tiegħu. It-tanbur beda jdawwru u jħabbtu ma' rasu u mal-irkobbtejh u minkbu. Kienet fid-difa ta' dik il-lejla bir-reżħa tagħha li dik ix-xena baqgħet tabilħaqq stampata f'moħħi! Stħajjilthom daqqaqa tal-presepju.

L-għada kont smajt li kienu minn Ħal Tarxien; imma fl-Isla kienu jiġu wkoll kull lejlet il-Milied daqqaqa taż-żaqq u tat-tanbur mill-inħawi tal-Fgura u ta' Buleben, iġeddu ta' kull sena tradizzjoni Maltija tassew qadima. Bid-daqq primittiv tagħhom kienu jferrħu lin-nies ta' l-ibliet u l-irħula minn fejn kienu jgħaddu, u kien l-hena tagħhom jagħmlu dan. Kienu wirja ħajja mill-folklor tagħna tal-Milied.

Daż-żmien dawn iż-żewġ karattri ma narawhomx aktar ħlief f'xi pittura folkloristika, jew bħala pasturi fil-presepju. Anki f'dawk is-snin ta' qabel il-gwerra (1939-45), ġa kienu qishom xi ħaġa ta' l-imgħoddi, karattri ta' żmien ieħor, ta' drawwiet qodma ta' missirijietna li bil-mod il-mod inqatgħu u spiċċaw darba għal dejjem! Imma kien għad baqagħlhom ftit tas-snin aktar xi jkomplu...għallinqas jien kelli x-xorti li narhom. Mill-aħħar darba li rajt daqqaqa taż-żaqq u tat-tanbur ġol-Marsa għoddhom għaddew ħamsin sena; f'ħamsin sena għaddew wisq snin biex nerġgħu naraw fostna dawk iż-żewġ karattri ferrieħa mill-folklor Malti...

---

**Tiswijiet** Fl-Imnara No. 16 paġna 71, L-aħħar linja tal-faċċata għandha tkun l-ewwel linja tal-paġna 72. F'paġna 72, għanja No. 15 il-kelma Baqri trid tiġi Bagri.

---